*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 52**

**Il-Ħamis 27 ta' Lulju 2023.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri - Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Patrick Camilleri-Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**52.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm ittri t'apoloġija tal-Kunsillier Dr Patrick Camilleri.

**52.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 51 li saret Nhar it-Tnejn 26 ta' Ġunju 2023:</u>***

**52.2.1** ***<u>Korrezzjoni tal-Minuti:</u>***

52.2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li paġna 6 artiklu 51.3.4 l-ewwel paragrafu jrid jinbidel u jinqara kif ġej.

52.2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li f'paġna 1 id-data għanda tinbidel għas-26 ta' Ġunju 2023.

52.2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li f'paġna 6 paragrafu 51.3.4 jrid jinbidel u jinqara kif ġej.

*Is-Sindku s Sur Mario Calleja qal illi gejna mogħtija the beach of quality pero hu ma ħax pjaċir għaliex kien hemm bzonn li jsir embellishment lill Ġnien San Tumas qabel issir din iċ-ċerimonja. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li b`arranġament mal-MTA intagħazel ġardinar li ser jaqta is-siġar kollha min ġnien San Tumas sa zion u l-Ġnien kollu u dan ser jitħallas mill MTA. Ftehim ieħor sar biex jinbarxu u jinzebħu ċ-ċnut kollha*

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekondta l-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 1 astenzjoni.

**52.2.2** ***<u>Matters Arising tal-laqgħa 51 li saret Nhar it-Tnjen 26 ta' Ġunju 2023.</u>***

**52.2.2.1** Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 51.2.2.2 figward is-servizz tas-Silver T fuq il-vann tal-Kunsill sa issa għad m' għandiex risposta.

**52.2.2.2** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 51.2.2.3 fejn qal li is-sellum twaħħal fuq il-pont il-ġdid Triq San Ġorġ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ikkonferma dan.

**52.2.2.3** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 51.2.2.5 fuq l-AGM tad-Douzelage li ser issir Malta 2026. Huwa kompla jgħid illi kellu kuntatt mal-SEM biex japplikaw għall-fondi kif ukoll ġie mistieden fuq il-Media biex jispjega aħjar kif taħdem is-sistema meta wieħed japplika għal fondi tal-Ewropa fejn jidħol twinning.

**52.2.2.4** Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 51.2.2.10 fejn qal illi is-*swimming zones* tresqu ftit il-barra.

**52.2.2.5** Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 paragrafu 51.3.4 fejn qal li tkellem mas-Sinjura Aquilina tal-MTA u il-ġardinar ser jiżbor minn ħdejn Villa Sant Anna sa San Tomaso restaurant u anke il-ġnien u ser jitħallas direttament min-naħa tal-MTA, mentri fir-rgward taċ-ċint ser jitħallas mill-Kunsill u wara jkollna rifużjoni min-naħa tal-MTA u qed jiġi imħejji il-ftejim bejn l-MTA u l-Kunsill.

**52.2.2.6** Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 paragrafu 51.3.5 qal li flimkien mal-Viċi Sindku sabu post adekwat għas-sellum u twaħħal.

**52.2.2.7** Is-Sindku tkellem fuq paġna 7 paragrafu 51.3.11fejn qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur John b Camilleri sar progress fuqu u huwa ikkonfermat li ser jinkludu l-barranin fih, fejn qal li iktar il-quddiem ser jispjegalhom kif ser jkun hemm il-*booking* għat-tickets ta' JumMarsaskala għalkemm ser jkun mingħajr ħlas.

**52.2.2.8** Is-Sindku tkellem fuq paġna 8 paragrafu 51.7.2 fejn qal li huwa tal-opinjoni li il-Kunsill jerġa jikkunsidra li jkollna kennies extra waqt ix-xhur tas-sajf.

Il-Kunsilliera ġew infurmati illi fil-lista tal-pagament reġa hemm default notice fuq dan il-kuntratt.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt il-ġdid hemm bżonn li jinħareġ b'6 ħaddiema u waħda mill-problemi li qed tiġi krejata hija għax qed ikun hemm ħafna bdil fil-ħaddiema u ma jkunux jafu x-xogħol li jrid isir.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li ilu jitlob sabiex jkun jaf fi x ħin jkun hemm il-kennies u huwa anke lest li jsegwijom. Huwa żied jgħid la il-*contracts manager* qed jgħatijom id-*default notices* sinjal li qed jgħamel xogħolu u allura il-każ huwa mgħaluq għal dak il-ħin.

Id-diskussjoni bejn il-Kunsilliera tkompliet fir-rigward jekk inwaqfux dan il-kuntratt u kemm ser jkun hemm ħaddiema fil-kuntratt il-ġdid.

Il-Kusnillier is-Sur John B Camilleri qal li mhux kemm inżiedu ħaddiema imma kemm jipproduċu xogħol il-ħaddiema.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li anke il-bins tal-klieb mhux qed jitbgħatlu.

Il-Kunsill qabel sabiex nibdew naħdmu fuq tender ġdid u nibqgħu noħorġu *default notices* u għandhom jkunu iktar elaborati.

***Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ħareġ mill-laqgħa fis-7.15pm***

**52.2.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paħna 5 paragrafu 51.2.2.11 fir-rigward tas-*circulation bus* sabiex ngħamlu *pressure* fuqha.

Is-Sindku qal li din qed jaħdmu fuqha imma tieħu iż-żmien.

Kien hemm qbil li nerġu niktbulhom.

52.3 <u>**Komunikazzjoni mis-Sindku:**</u>

52.3.1 <u>**Seminar rigward evakwazzjoni ta' Tsunami**</u>

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li il-Kunsill kellhu stedina sabiex flimkien ma kunsilli oħra jattendi seminar fuq l-evantwalita ta tsunami ġewwa Malta. Din id-diskussjoni kienet qed titmexxa mill-Universita ta' Malta u anke il-Protezzjoni Ċivili fejn qed jgħamlu pjan sabiex jgħamlu simulation biex jekk f'każ li tiġri ir-residenti jkunu jafu xi jrid jsir fejn qed ukoll jippjanaw kif ser javżaw lin-nies anke permezz tal-mija soċjali sabiex issir l-evakwazjoni. Huwa qal li lokal bħal tagħna urejna iktar interess minn lokalitajiet oħra u anke ser jkun hemm laqgħat oħra.

52.3.2 **<u>Laqgħa Dog friendly beach:</u>**

Is-Sindku spjega li flimkien mill-Viċi Sindku, l-Kunsillier Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri attendew għall- ftuħ ta` dog friendly beach ġewwa San Tumas eżatt id-daħla tal-Munxar. Huwa kompla jgħid li l-ftuh sar mill-Ministru u s-Segretrjat tal-Fisheries.

52.3.3 **<u>Laqgħa mas-CEO TMalta:</u>**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ~~fejn~~ attendew laqgħa mas-CEO Johnathan Borg ta' TMalta kemm fuq it-trasport pubbliku fejn ġew diskussi diversi temi fosthom problemi li jiffaċċja il-lokal tagħna bħal ma huma armar ta' makkinarju mingħajr permess u nuqqas ta` kumunikazzjoni.

52.3.4 **<u>Bikers u Vintage cars:</u>**

Is-Sindku spjega li kellu laqgħa mal-bikers u **vintage cars** sabiex jgħamlu esibizzjoni wara il-quddiesa u it-tberik tal-annimali fl-okkazzjoni ta` Jum il-lokal fit-3 ta` Settembru 2023.

52.3.5 **<u>Ħruġ ta permessi:</u>**

Is-Sindku qal li flimkien mal-iskrivana Claire Attard kellhom laqgħa mar-*regional officer* fuq il-ħruġ tal-permessi.

52.3.6 **<u>Laqgħa mal-Inspire:</u>**

Is-Sindku qal li kelllhu laqgħa mal-amministrazzjoni tal-inspire fuq attaivitajiet li jistgħu jsiru fil-futur fejn niprovdulhom l-għajnuna tagħna iżda mhux dik finanzjarja.

52.3.7 **<u>Laqgħa rigward Community Works:</u>**
Laqgħa mas-Sur Joe Abdilla u Marthese tal-*Community services* sabiex jitjieb is-servizz tal-ħaddiema tal-kommunita` fejn anke spjega li wieħed mill-ħaddiema ġie it-terminat mill-Kunsill wara li ttieħdu passi dixxiplinarji.

52.3.8 **<u>Proposal brief for the Marsaskala Promenade:</u>**

Is-Sindku qal li kellhu laqgħa -MTA mal-Perm Sec Anthony Gatt, l-Perit Karen Abela, is-Sur Dennis Vella tal-FTZD, fejn hemm propost li jsir proġett ta miljun u nofs fuq il-*promenade* ta Marsaskala mill-Pixxina ta' Triq iż-Żonqor sal-eks Jerma Palace sabiex jinbidel ir-*railing*, *bins* inklużi doggy bins, bankijiet u anke l-*ornamental lights* u forsi jsiru bis-solar.

Il-Kusnillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk il-pavimentar hux ukoll inkluż.

Is-Sindku wieġbu fin-negattiv.

52.3.9 **<u>Pussess tal-Kappillan.</u>**

Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi flimkien mal-Kunsillier John B Camilleri, l-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud, il-Kunsillier Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli fejn attendew għal pussess tal-kappillan.

52.3.10 **<u>Laqgħa tal-Waste Management:</u>**

Is-Sindku qal li illum attenda konferenza dwar il-*waste management* għat -target taż 2025 fejn qal li Malta għanda ma laħqietx il-25% ta' kif in-nies jisseparaw l-iskart.

52.3.11 **Event Going through the Ages:**

Is-Sindku spjega fuq l-event imħallas mir-reġjun going throught the ages fejn sġpejga li din is-sena ir-reġjun kellhu jagħmel event f'kull Kunsill fejn anke ser ninkludu il-komunitajiet barranin.

***Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud ħarġet mill-laqgħa fit-8.00pm***

**52.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**52.5 Rapporti:**

Is-Segretarju Eżekuttiv reġa fakkar illi il-bord t'evalwazzjoni huwa kompost mic-Charmain is-Sur Josef Grech, Segretarju tal-Bord is-Sinjura Lucille Bonnici u Evalwaturi huma s-Sinjura Doreen Mintoff, il-Perit Kylie Anna Borg Marks u s-Sinjorina Chantel Zammit.

Huwa kompla jispjega illi fir-rigward tat-tender tal-Accountant l-evalwatur minflok is-Sinjura Doreen Mintoff ser ikun is-Sur Duncan Hall

**52.5.1 Aġġudikazzjoni tat -Tender KLM 2023/02 Maintenance of pavements, boundary Walls and other ancillary Works using environmentally friendly materials and practices Marsaskala Local Council**

| Offer ID | Name of Economic Operator | Princing Information |
|---|---|---|
| 195141 | The A Parks Ltd | €171,272.00 |
| 195105 | Catbros Ltd | €98,926.50 |

Is-segretarju Eżekuttiv spjega illi l-bord qed jirrakkomanda illi din l-offerta tibgħata lil-Catbros Ltd għaliex huwa l-orħos offerent u *compliant* f'kollox fir-rigward l-offerent The A Parks Ltd huwa *compliant* ukoll f'kollox iżda iktar għola u huwa konsiderevolment iktar għoli mill-*estimated budget.*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona li din l-offerta tingħata lil Catbros Ltd u il-Kunsillier is-Sur John Camilleri issekonda il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**52.5.2 Aġġudikazzjoni tat -Tender KLM 2023/03 Collection of Bulky Refuse and Weee from the locality of Marsaskala, using low emission transport**

| Offer ID | Name of Economic Operator | Princing Information |
|---|---|---|
| 195144 | Saviour Mifsud | €3.45 |
| 193934 | Jimmy Muscat | €2.70 |

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi il-bord qed jirrakkomanda illi din l-offerta tingħata lil Jimmy Muscat għaliex huwa l-orħos offerent u compliant f'kollox , filwaqt li Saviour Mifsud kien *technically non compliant* allura ġie diskwalifikat.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona li din l-offerta tingħata lil Jimmy Muscat Ltd u il- Kunsillier is-Sur John Camilleri issekonda il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

52.5.3 ***Approvazzjoni tar-rapport ta' Kul Kwart Nru 2 ( April sa Ġunju)***

Is-Segrtearju Eżekuttiv sġjega l-approvazzjoni ta kull kwart April sa Ġunju 2023.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart April sa Ġunju 2023 u il- Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda l-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

***Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud ħarġet mill-laqgħa fit-8.15pm***

**52.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;***

Ma kienx hemm

**52.7** ***Korrispondenza:***

**52.7.1 PA/03995/23 Lay Lay Blocks Triq in-Nadur, Triq l-Orangjo, Triq l-Ghassies, Triq Vittorio Cassar, Marsaskala (35/3000/23/I)**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din l-*application* qeda biex b'kollox bħala total jkun hemm 8 sulari fejn qal li dan l-iżvullupatur qed japplika għal *medium rise policy*. Huwa fakkar lill Kunsilliera illi bħala Kunsill ma konniex qbilna ma din il-policy tal-planning authority. Huwa kompla jispjega illi iż-żieda ta 4 sulari oħra ser ikunu mingħajr garaxxijiet, fejn kompla jgħid li din iż-żona dija hemm problemi ta' parkeġġ.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal ukoll fuq il-problema li ser jkun hemm fuq id-drenaġġ u servizzi oħra.

Il-Viċi Sindku qalet li hemmek hija l-ikbar sfida ta waste management li għanda fil-preżent.

Il-Kunsillier is-Sur john B Camilleri staqsa jekk nistgħux ngħaddu il-ħsibijiet tagħna għaliex din ser tikreja ħafna problemi fosthom problema fl-iskyline, infrastruttura u diġà hemm konġestjoni f'dik l-area. Huwa qal ukoll li quddiem din il-binja hemm għalqa oħra u jekk tinbdena dik ukoll ser inkomplu inkabbru il-problema.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li sabiex jkollna saħħa irridu inqabdu l-Perit tagħna u ħalli jdaħħal l-oġġezjonijiet tagħna skond il-policies.

Il-Kunsillier is-Sur john B Camilleri staqsa jekk fuq binja bħal din sarx *impact assessment* kif ħa jolqot it-*traffic management* fost affarijiet oħra.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li jekk ikun hemm xi kummenti mingħand ir-residenti aħna bħala Kunsill għandna inreqshom għand il-Perit u jara hu jekk hemm xi relevenza fil-kummenti taghom.

Il-Kunsill qabel li nqabdu il-Perit tagħna sabiex jissottemetti l-oġġezjoni tagħna skond il-policies.

- ***Il-Viċi Sindku ħarġet mill-laqgħa fit-8.45pm***

**52.7.2 Cir AKL 2023/065 Group Life Policy Membri Eletti (35/2996/23/I) (35/2866/23/I)**

Il-Kunsill qabel li mhux ser nissieħbu fijha.

**52.7.3 Press Release (35/2768/23/O)**

Is-Sindku kemm informa lil-Kunsilliera li għaddejna il-Press Release

**52.7.4 Cir AKL 2023/065 Group Life Policy Membri**

Din diġà ġiet diskussa f'paragrafu 52.7.2

**52.7.5** **Jum Marsaskala 2023 (35/2843/23/I)**

Is-Sindku qal li dak in-nhar cioe fl-1 ta' Settembru ser jkun hemm exhibition of collective art fis-sala tal-Kunsill u ser ikun ukoll weight lifting demonstration fuq is-simenta. Huwa kompla jispjega illi s-sibt għad irid jiġi ikkonfermat il-programm u l-Ħadd ser jkun hemm il-quddies filgħodu, tberik tal-annimali u show tal-bikes u *vintage cars*.

**52.7.6** **Caravans/Campers (35/2841/23/I):**

Is-Sindku spjega illi diġà ma qbilniex mal-art proposta biex issir designata fl-Inwadar u l-Munxar u anke faċċata tal-villel però fejn qed jiġġarraf il-blat. Huwa kompla jispjega illi huwa tal-opinjoni illi fil-parkeġġ taħt il-ħajt f'San Tumas fejn kien hemm Tal-Fajtata kiosk jekk nassenja 4 jew 5 parkeġġi għal campers mhux ser inkunu qed intelfu lil ħadd. Huwa kompla jispjega illi il-permess jingħata għal campers u mhux karavans għat-tlett xhur tas-sajf sa massimu ta' tlett ijiem u jħallsu €5 kulljum.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk ma jkunx hemm talba għal dan il-permess, karozzi normali mhux ser jkunu jistgħu jipparkja u ser nitilfu diversi parkeġġi.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qara il-by law li għadna fil-preżent.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li jrid ikun hemm regolamenti anke fejn ser jitfu l-ilma tagħhom. Huwa staqsa ukoll kif ser nirrelgoraw il-permess li japplikaw għal tlett ijiem biss u mhux japplikaw taħt ismijiet differenti u japplikaw għal iktar minn tlett ijiem.

Is-Sindku qal li għalhekk campers ħalli l-applikazzjoni issir fuq in-*number plate* tal-camper.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li bħala kunċett hu mhux kontra li issir, id-diffikulta tiegħu hija kif ser tiġi implimentata sabiex ma jkun hemm inkwiet anke meta jiġi li wieħed jrid jitlaq u jipparkja ieħor minfloku. Huwa qal li ħaġa ieħor peress li hemm il-latrina viċin ser jispiċċaw jieħdu l-ilma minn hemm u jinħaslu fix-showers.

Is-Sindku qal li dan huwa suġġeriment u irridu naraw daqsxejn għax anke jaf minħabba il-campers ma jħalluwiex bħala *blue flag beach*.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qara il-*legal notice* il-ġdida fejn qal illi ma sarx hemm distinzjoni bejn caravans u campers. Huwa kompla jispjega illi aħna qed ndentifikaw żona li hija triq u allura jaqbel mas-Sindku li nistgħu ngħatu permess għall campers biss.

Is-Sindku qal li caravan jrid ikun marbut mal-karozza u allura ser jieħu area ikbar mill-parkeġġ provdut.

Il-Kunsill qabel li jiġu designati sa massimu ta' 4 parkeġġi u campers biss u jitpoġġew taħt il-ħajt.

**52.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**52.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv talab li jinqaraw l-*invoice* tal-pagamenti nru 5153 u 5154

**52.8.2** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa x ser jsir fuq il-funtana ta' Ġnien Sant'Anna x'ser jsir mill-ħadid li nqalgħa.

Is-Sindku qal li l-ħadid intrema għaliex kien imsaddad kollhu.

Id-diskussjoni tkompliet fuq il-ħadid li kien hemm imdawwar mal-funtana u li issa ser issir tarġa tal-konkos madwar il-funtana

**52.8.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li qed jinnota li hemm spiża konsiderevoli mingħand l-ironmongery.

Is-Sindku qal li hemm xiri ta żebgħa u intużat għas-sotto bank ta Triq ix-Xatt.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li huwa tal-opinjoni li inxtrat ħafna żebgħa għax-xogħol li ser u jixtieq li jivvetjahom.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**52.9** **Mozzjonijiet:**

**52.9.1** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja u issekondata mis-Sindku (145 – 3/07/23):**

*"Jipproponi li issir crash barrier faċċata tal-għassa tal-Pulizija l-antika peress illi r-residenza eżistenti qed tkun ta' periklu għas-sewwieqa li jkunu għaddejien b'veloċita' qawwija."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan

**52.9.2** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (146 – 16/7/23):**

*"Jipproponi sabiex kemm jista jkun malajr jerġu jeħlu tabelli fejn il-mollijiet kollha, biex ma jkunux jistgħu jingumbraw il-moll la mill-art u l-anqas mill-baħar il-mollijiet ta' San Ġorġ, Triq ix-Xatt u Triq is-Salini."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

**52.9.3** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u issekondata mis-Sindku (147 – 16/7/23):**

"Jipproponi sabiex fi Triq Ġużeppi Spagnol fejn hemm it-taraġ għal Triq Sant'Anna nagħmlu *doggy bin* u jitbattal regolarment."

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**52.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 22 ta' Awwissu 2023 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 27 ta' Lulju 2023.

| | |
|---|---|
| ***IFFIRMAT*** | ***IFFIRMAT*** |
| ______________ | ______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |